

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > L-ispażju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika > Latvia

## My e-Justice space

Latvja

Latvja

Fil-Latvja, is-sit web <https://latvija.gov.lv> ġeneralment jintuża bħala għodda online għall-kisba ta' diversi servizzi mill-awtoritajiet Latvjani, kemm dawk statali kif ukoll dawk municijali. Essenzjalment, dan jiffunzjona bħala għodda diġitali li permezz tagħha huwa possibbli li jimtlew formoli speċifiċi b'mod elettroniku u li ssir komunikazzjoni mal-awtoritajiet rispettivi f'qasam wiesa' ta' kwistjonijiet – is-servizzi soċjali (eż. is-servizzi tad-diżabilità, il-ħlas lura soċjali, is-sigurtà soċjali eċċ.), il-familja (eż. l-adozzjoni, it-twelid, iż-żwieġ, il-mewt, eċċ.), l-intraprenditorija, il-finanzi u t-taxxi, l-akkomodazzjoni u l-ambjent, il-kultura, l-isport, it-turiżmu, id-drittijiet differenti, l-edukazzjoni, is-servizzi konsulari, is-saħħa, it-trasport u oħrajn. Il-biċċa l-kbira tas-servizzi huma disponibbli għal persuni fiżiċi, madankollu, hemm servizzi li huma disponibbli wkoll għal persuni ġuridiċi. L-għan tal-portal huwa li jiżgura aċċess rapidu u konvenjenti għas-servizzi pprovduti mill-istituzzjonijiet u l-muniċipalitajiet tal-Istat Latvjani. Fuq il-portal huwa possibbli jew li ssib gwida dwar ir-rekwiżiti (formoli, dokumenti, pagamenti, termini, eċċ.) u proċeduri amministrattivi sabiex tirċievi servizzi pubbliċi u municijali jew li tibda servizz b'mod elettroniku, jekk dan jiġi offrut online. Il-portal huwa ġestit mill-Aġenzija Statali għall-Iżvilupp Reġjonali.

Minbarra l-portal <https://latvija.gov.lv>, ċerti istituzzjonijiet tal-Istat għandhom l-għodod tas-servizzi online tagħhom stess (eż., fil-qasam tal-irkantijiet online), jiġifieri l-informazzjoni dwar il-kumpaniji hija pprovduta mir-[Reġistru tal-Intrapriżi Latvjani](#). Ġeneralment fil-qasam tal-ġustizzja u minbarra l-portal <https://latvija.gov.lv>, is-servizzi online huma miżmuma mill-[amministrazzjoni tal-Qrati \(Tiesu administracija\)](#), istituzzjoni ta' amministrazzjoni diretta subordinata għall-[Ministeru għall-Ġustizzja](#), li torganizza u tiżgura l-ħidma amministrattiva tal-qrati distrettwali (tal-bliet) u tal-qrati reġjonali.

## Possibbiltà li tiġi ppreżentata applikazzjoni għal għajnuna legali

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Permezz tas-sit web <https://latvija.gov.lv> huwa possibbli li tintalab għajnuna legali mill-Istat b'mod elettroniku. It-talba tista' tiġi sottomessa b'mod elettroniku permezz ta' <https://latvija.gov.lv> lill-[Amministrazzjoni tal-Għajnuna Legali tal-Latvja](#).

Awtorità kompetenti: L-Amministrazzjoni tal-Għajnuna Legali tal-Latvja

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: L-għajnuna legali tingħata mill-Amministrazzjoni tal-Għajnuna Legali tal-Latvja sakemm jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet – eż. l-istatus soċjali, is-sitwazzjoni ta' force majeure eċċ.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Fuq il-portal <https://www.latvija.lv/lv/Epakalpojumi/EP119/Apraksts> fejn is-servizz elettroniku huwa disponibbli, huwa possibbli li jiġi awtentikat b'diversi għodod ta' awtentikazzjoni: l-eID, l-eParaksts, l-eParaksts mobbli, l-ibbankjar elettroniku. Barra minn hekk, jistgħu jiġu sottomessi biss dokumenti ffirmati b'firma elektronika.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Applikazzjoni online permezz tas-sit web <https://latvija.gov.lv>; kopja ta' dokument li jiċċertifika d-dritt li tintalab għajnuna legali; kopji ta'

dokumenti relatati man-natura tat-tilwima, il-progress tal-każ, eċċ.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Biex titlesta l-proċedura tat-talba nnifisha biss.

Kost: Is-servizz online nnifsu huwa mingħajr ħlas.

Link:

<https://latvija.lv/PPK/dzives-situacija/apakssituacija/p659/ProcesaApraksts>

---

## Kumpens

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Huwa possibbli li jiġu introdotti talbiet għad-danni online billi tinfetaħ kawża ċivili online (ara t-taqsimha rilevanti hawn taħt). Minbarra li tintbagħat it-talba, inklużi l-annessi, permezz ta' e-mail lill-qorti rispettiva li jkollha ġurisdizzjoni fil-kwistjoni, jeżisti servizz online separat fejn tali talbiet, inklużi talbiet tal-konsumaturi, jistgħu jiġu introdotti online – <https://www.elieta.lv>.

Awtorità kompetenti: Il-qorti rispettiva li għandha ġurisdizzjoni fil-kwistjoni jew <https://www.elieta.lv>

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: L-ebda.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: It-talba, inklużi l-annessi tagħha, trid tkun iffirmata b'mod elettroniku jekk tintbagħat lill-qorti permezz ta' mezzi elettroniċi; login fuq il-portal <https://www.elieta.lv> permezz ta' identifikazzjoni elettronika.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Rikors lill-qorti (dikjarazzjoni tat-talba), u l-annessi tiegħu.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva, permezz ta' e-mail jew fuq <https://www.elieta.lv>.

Kost: Is-servizz online (li t-talba tintbagħat lill-e-mail tal-qorti jew li tiġi ppreżentata permezz ta' <https://www.elieta.lv>) huwa mingħajr ħlas. It-tariffi tal-Istat jistgħu japplikaw għall-preżentazzjoni tat-talba per se.

Link:

Ma teżisti l-ebda link speċifika. Għall-preżentazzjoni elettronika ta' talba jrid jintuża l-indirizz tal-e-mail tal-qorti rispettiva. Ara wkoll <https://www.elieta.lv> għall-pjattaforma online introdotta reċentement. Ara wkoll [hawnhekk](#).

---

## Bidu ta' kawża ċivili online

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Huwa possibbli li tinfetaħ kawża ċivili permezz ta' mezzi elettroniċi, jiġifieri billi t-talba tintbagħat permezz ta' e-mail, inklużi l-annessi tagħha, lill-qorti rispettiva li jkollha ġurisdizzjoni

fil-kwistjoni. It-talba u l-annessi jridu jkunu ffirmati b'mod elettroniku. Minbarra li t-talba tintbagħat lill-qorti rispettiva, jeżisti servizz online separat fejn it-talbiet pretensjonijiet ċivili jistgħu jiġu introdotti online – <https://www.elieta.lv>. Dan is-servizz elettroniku ġie introdott lejn l-aħħar tal-2021 biex jippermetti komunikazzjoni elettronika mal-qrati u istituzzjonijiet oħra (fost l-oħrajn biex jippermetti wkoll il-bidu ta' kawżi ċivili permezz ta' din il-pjattaforma).

Awtorità kompetenti: Il-qorti rispettiva li għandha ġurisdizzjoni fil-kwistjoni jew <https://www.elieta.lv>.

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: L-ebda.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: It-talba, inklużi l-annessi tagħha, trid tkun iffirmata b'mod elettroniku jekk tintbagħat lill-qorti permezz ta' mezzi elettroniċi; login fuq il-portal <https://www.elieta.lv> permezz ta' identifikazzjoni elettronika.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Rikors lill-qorti (dikjarazzjoni tat-talba), u l-annessi tiegħu.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva, permezz ta' e-mail jew fuq <https://www.elieta.lv>.

Kost: Is-servizz online (li t-talba tintbagħat lill-e-mail tal-qorti) huwa mingħajr ħlas. It-tariffi tal-Istat jistgħu japplikaw għall-preżentazzjoni tat-talba per se.

Link:

Ma teżisti l-ebda link speċifika. Għall-preżentazzjoni elettronika ta' talba jrid jintuża l-indirizz tal-e-mail tal-qorti rispettiva. Ara wkoll <https://www.elieta.lv> għall-pjattaforma online introdotta reċentement. Ara wkoll [hawnhekk](#).

---

## Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Id-dokumenti ġudizzjarji jintbagħtu lil avukat, lil nutar, lil uffiċjal ġudizzjarju, jew lil korp tal-gvern ċentrali jew lokali permezz tal-posta elettronika. Id-dokumenti ġudizzjarji mfassla mill-qorti u dokumenti oħra mfassla b'mod elettroniku jiġu nnotifikati lil avukat mill-qorti permezz ta' sistema online speċifika amministrata mill-amministrazzjoni tal-Qrati (Tiesu administracija), istituzzjoni ta' amministrazzjoni diretta subordinata għall-Ministru tal-Ġustizzja, li torganizza u tiżgura l-ħidma amministrattiva tal-qrati distrettwali (tal-bliet) u tal-qrati reġjonali. Tali dokumenti jiġu nnotifikati lil nutar, lil uffiċjal ġudizzjarju, jew lil korp tal-gvern ċentrali jew lokali bil-posta elettronika, dment li ma jkunux infurmat lill-qorti li huma rreġistrati fis-sistema online.

Fir-rigward tan-notifika ta' dokumenti lill-partijiet, id-dokumenti ġudizzjarji jiġu kkonsenjati bil-posta elettronika biss jekk parti fil-proċedimenti tkun infurmat lill-qorti li taqbel mal-użu tal-posta elettronika għall-korrispondenza mal-qorti. Id-dokumenti jintbagħtu fl-indirizz tal-posta elettronika indikat mill-parti. Jekk il-qorti ssib li hemm ostakli tekniċi għall-konsenja ta' dokumenti ġudizzjarji bil-posta elettronika, id-dokumenti jiġu kkonsenjati b'wieħed mill-metodi l-oħra disponibbli. Minbarra n-notifika ta' dokumenti permezz ta' e-mail, jeżisti servizz online separat fejn id-dokumenti tal-qorti huma disponibbli online – <https://www.elieta.lv>. Dan is-servizz elettroniku ġie introdott lejn l-aħħar tal-2021 biex jippermetti komunikazzjoni elettronika mal-qrati u istituzzjonijiet oħra (fost l-oħrajn biex jippermetti wkoll il-bidu ta' kawżi ċivili permezz ta' din il-pjattaforma).

Awtorità kompetenti: L-amministrazzjoni tal-Qrati (*Tiesu administracija*) / il-qorti kompetenti / il-Ministeru għall-Ġustizzja

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Il-partijiet iridu jagħtu l-kunsens tagħhom għat-trażmissjoni elettronika.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: parti fil-proċedimenti trid tinforma lill-qorti li taqbel mal-użu tal-posta elettronika għall-korrispondenza mal-qorti. Dan normalment iseħħ meta jinbdeu il-proċedimenti. L-avukati jridu jirreġistraw mas-sistema online speċifika biex jirċievu d-dokumenti tal-qorti online; billi jidhru fuq il-portal <https://www.elieta.lv> permezz ta' identifikazzjoni elettronika.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Il-partijiet iridu jipprovdu kunsens sempliċi biex jirċievu dokumenti ġudizzjarji b'mod elettroniku. Dan jista' jsir bil-miktub (kif ukoll b'mod elettroniku) flimkien mal-preżentazzjoni tad-dokumenti lill-qorti.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Ladarba jiġi riċevut u approvat, il-kunsens jippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji jittrażmettu b'mod elettroniku l-avviżi, l-irċevuti u ċ-ċitazzjonijiet.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Parti tista' tissottometti l-kunsens tagħha online permezz ta' e-mail lill-istituzzjoni rispettiva billi tibgħat applikazzjoni / dokument tal-qorti ffirmat b'mod elettroniku, eż. tweġiba għall-pretensjoni, li fost l-oħrajn tindika l-kunsens ta' parti għat-trażmissjoni elettronika tad-dokumenti. Ma teżisti l-ebda proċedura online separata għal dan is-servizz. Ladarba l-kunsens jiġi riċevut u approvat, l-avviżi, l-irċevuti u ċ-ċitazzjonijiet kollha tal-każijiet tal-utenti jintbagħtu lill-parti b'mod elettroniku.

Kost: Is-servizz huwa mingħajr ħlas

Link:

In-notifika elettronika tad-dokumenti ġudizzjarji ssir direttament mill-qorti fl-indirizz tal-e-mail tal-parti rispettiva (tar-rappreżentant tagħha) jew permezz tal-portal <https://www.elieta.lv>. Id-dokumenti ġudizzjarji mibgħuta lil avukat bħalissa għadhom disponibbli f'sistema online fuq <https://manas.tiesas.lv/eTiesasMvc/lv/Account/Login>, madankollu huwa mistenni li din il-pjattaforma tiġi sostitwita b'għodda rispettiva fuq il-pjattaforma <http://www.elieta.lv>.

Aktar informazzjoni dwar it-trażmissjoni elettronika ta' dokumenti legali fil-Latvja hija disponibbli fuq l-iskeda tal-fatti tan-NĠE dwar it-trażmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali.

---

## Parteċipazzjoni fi rkanti ġudizzjarji

Il-parteċipazzjoni fl-irkanti ġudizzjarji fil-Latvja hija possibbli permezz tas-sit tal-irkanti elettroniċi, amministrat mill-amministrazzjoni tal-Qrati (*Tiesu administracija*), istituzzjoni ta' amministrazzjoni diretta subordinata għall-Ministru għall-Ġustizzja, li torganizza u tiżgura l-ħidma amministrattiva tal-qrati distrettwali (tal-bliet) u tal-qrati reġjonali.

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Is-sit tal-irkanti elettroniċi ilu jopera mill-1 ta' Lulju 2015 u jipprovdi b'suċċess it-tqegħid fl-irkant, ir-reġistrazzjoni tal-parteċipanti tal-irkant, l-akkumulazzjoni tal-informazzjoni dwar il-parteċipanti tal-irkant irreġistrati, l-awtorizzazzjoni tal-parteċipanti tal-irkant irreġistrati biex jipparteċipaw fl-irkant imħabbar, kif ukoll sett ta' għodod teknoloġiċi sabiex isiru u jiġu rreġistrati l-offerti.

Awtorità kompetenti: L-amministrazzjoni tal-Qrati (*Tiesu administracija*) u l-bailiffs tal-qorti

(<https://www.lzti.lv/>)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà:

L-irkanti huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, iżda l-utenti rreġistrati biss jistgħu jipparteċipaw fi rkanti online.

- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni:

Il-persuni li jixtiequ jipparteċipaw fl-irkanti online jridu jirreġistraw fuq is-sit <https://izsoles.ta.gov.lv/>. L-awtentikazzjoni hija possibbli permezz ta' <https://latvija.gov.lv> (eID, firma elettronika fuq l-internet banking) jew permezz ta' user name u password. Utent irreġistrat jista' jitlob lil bailiff jawtorizzah biex jipparteċipa f'irkant (f'ismu stess jew f'isem persuna fiżika jew ġuridika oħra).

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

Il-persuni fiżiċi li jirreġistraw fuq <https://izsoles.ta.gov.lv/> iridu jagħmlu l-awtentikazzjoni biss permezz ta' wieħed mill-mezzi possibbli. Għalkemm ir-reġistrazzjoni hija prekondizzjoni obbligatorja għall-parteeċipazzjoni fl-irkant, din ma timponix obbligu obbligatorju ta' parteċipazzjoni fl-irkant. F'każ li persuna tirrappreżenta entità ġuridika, minbarra li tagħmel awtentikazzjoni permezz ta' wieħed mill-mezzi possibbli, huwa meħtieġ li tiġi sottomessa prokura lil bailiff tal-qorti.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Wara l-irkant, is-sistema tiġġenera att tal-irkant, li jiġi riċevut mill-bailiff li jkun wettaq l-irkant. L-att tal-irkant huwa validu mingħajr firma. Il-bailiff għandu jibgħat l-att tal-irkant lill-offerent billi juża l-messaġġi disponibbli fuq is-sit tal-irkant elettroniku. Azzjonijiet ulterjuri huma rregolati mil-Liġi Latvjana dwar il-Proċedura Ċivili.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: Is-servizz huwa mingħajr ħlas. Jekk persuna tirreġistra għal irkant, irid jitħallas depożitu għall-parteeċipazzjoni.

Link:

Link għas-servizz disponibbli fuq <https://izsoles.ta.gov.lv/>.

Aktar informazzjoni hija disponibbli hawn:

<https://www.lzti.lv/>

<https://likumi.lv/ta/id/274951-elektronisko-izsolu-vietnes-noteikumi>

---

## Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Ma hemm l-ebda korp ċentrali jew governattiv fil-Latvja responsabbli għar-regolamentazzjoni tal-professjoni ta' medjatur. Is-servizzi ta' medjazzjoni huma pprovduti minn medjaturi f'ħafna oqsma, inklużi kwistjonijiet ċivili, soċjali u kummerċjali. Ma hemm l-ebda restrizzjoni biex jiġu pprovduti servizzi ta' medjazzjoni online, madankollu dawn ma jistgħux jitqiesu bħala servizzi pubbliċi online.

Aktar informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni fil-Latvja hija disponibbli fit-[taqsima tal-Portal tal-](#)

Ġustizzja Elettronika dwar il-medjazzjoni fil-pajjiżi tal-UE, u f'dawn is-siti:

<https://sertificetimediatori.lv/>

<http://www.mediacija.lv>

---

## Il-formazzjoni tal-kumpaniji u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

### Formazzjoni ta' kumpanija, reġistrazzjoni ta' bidliet, proċedimenti ta' insolvenza, terminazzjoni

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Ir-Reġistru tal-Intrapriżi jipprovdi għal servizzi elettroniċi differenti li jintużaw għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjoni speċifika. L-applikazzjonijiet isiru fuq il-portal <https://www.latvija.lv/>. Wieħed mis-servizzi elettroniċi speċifiċi huwa wkoll il-formazzjoni tal-kumpaniji. Oħrajn jinkludu, eż. ir-reġistrazzjoni ta' fatt legali, ir-reġistrazzjoni ta' bidliet fir-reġistru, il-proċedimenti ta' insolvenza, il-likwidazzjoni jew it-terminazzjoni ta' fatt legali eċċ. Il-persuni fiżiċi biss bħalissa jistgħu jawtentikaw bis-servizz elettroniku fuq il-portal <https://www.latvija.lv>. Jekk il-persuna tiġi awtentikata bħala entità ġuridika, allura s-servizz elettroniku mhux se jkun disponibbli.

Awtorità kompetenti: Ir-Reġistru tal-Intrapriżi / I-Aġenzija Statali għall-Iżvilupp Reġjonali li jissorveljaw l-operat tal-portal <https://www.latvija.lv>

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li jixtiequ jirreġistraw kumpanija. Jekk il-persuna tiġi awtentikata bħala entità ġuridika, allura s-servizz elettroniku mhux se jkun disponibbli.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Fuq il-portal <https://www.latvija.lv/lv/Epakalpojumi/EP119/Apraksts> fejn is-servizz elettroniku huwa disponibbli, huwa possibbli li jiġi awtentikat b'diversi għodod ta' awtentikazzjoni: l-eID, l-eParaksts, l-eParaksts mobbli, l-ibbankjar elettroniku. Barra minn hekk, jistgħu jiġu sottomessi biss dokumenti ffirmati b'firma elettronika.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Jiddependi mis-servizz elettroniku mitlub.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: Is-servizz innifsu, jiġifieri, l-użu tal-portal <https://www.latvija.lv> huwa mingħajr ħlas, madankollu, għal kull servizz speċifiku (il-formazzjoni ta' kumpanija, ir-reġistrazzjoni tal-bidliet eċċ.) trid titħallas tariffa speċifika tal-Istat.

Link: <https://latvija.lv/lv/Epakalpojumi/EP119/Apraksts>

Aktar informazzjoni dwar kif tirreġistra fir-reġistri miżmuma mir-Reġistru tal-Intrapriżi hija disponibbli [hawnhekk](#).

### Aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Għan u kamp ta' applikazzjoni: L-oġġettiv ta' dan is-servizz huwa li tinkiseb informazzjoni dwar il-kumpaniji, data attwali u storika dwar il-membri tal-bord, l-azzjonisti, informazzjoni dwar il-finanzi, it-taxxi,

I-aggravji eċċ. Ir-Reġistru tal-Intrapriżi għandu regjistru disponibbli pubblikament disponibbli [hawnhekk](#). Madankollu, xi kumpaniji privati jipprovdu wkoll servizzi simili.

Awtorità kompetenti: Ir-Reġistru tal-Intrapriżi Latvjan.

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: L-ebda. Pubblikament disponibbli għal kulħadd.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-ebda (biex tirċievi informazzjoni bażika) jew lill-utenti rreġistrati (biex jirċievu informazzjoni aktar dettaljata).
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: M/A

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: M/A

Kost: Mingħajr flus

Link: <https://info.ur.gov.lv/#/data-search>

---

## Servizzi tat-traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha)

Għan u kamp ta' applikazzjoni: L-objettiv ta' dan is-servizz huwa li jipprovdi servizzi ta' traduzzjoni lil partijiet privati kif ukoll lil korpi governattivi. Il-persuni privati huma liberi li jużaw is-servizzi tat-traduzzjoni awtomatika fuq <https://hugo.lv/en> miżmuma miċ-Ċentru tas-Sistemi tal-Infommazzjoni tal-Kultura, billi s-servizzi tat-traduzzjoni għall-korpi governattivi huma pprovduti miċ-Ċentru tal-Lingwi tal-Istat - <https://vvc.gov.lv/index.php?route=common/home>

Awtorità kompetenti: iċ-Ċentru tas-Sistemi tal-Infommazzjoni tal-Kultura u ċ-Ċentru tal-Lingwi tal-Istat

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: L-ebda. Pubblikament disponibbli għal kulħadd (<https://hugo.lv/en>). Is-servizzi uffiċjali tat-traduzzjoni pprovduti miċ-Ċentru tal-Lingwi tal-Istat huma disponibbli għall-korpi governattivi.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-ebda
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: M/A

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: M/A

Kost: M/A

Links:

<https://hugo.lv/en>

<https://vvc.gov.lv/index.php?route=common/home>

■ L-aħħar aġġornament: 18/09/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.